*DISPREZZ – ART 1003A – 873 (4) – KAP 12;*

*RESPONSABILITA` U KUNDANNA TA' SOCJETA` - ART 4 (D) – KAP 249*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Jannar 2001**

**Kawza Numru: 11**
**Citazzjoni Numru: 2271/98/RCP**

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**vs**

**(1) Silvio Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom ta' Cammast Limited, u**

**(2) Cammast Limited.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'digriet tal-11 ta Marzu 1998 din il-Qorti ordnat il-hrug provvisorju ta' mandat ta' inibizzioni numru 808/98 fl-ismijiet "Joseph E Gauci, Godwin Gauci, Ivan Gravina, Claude Calleja, u Mario Vella Gatt –vs- Silvio Camilleri f'ismu propriju u ghan-nom ta' Cammast Limited u Cammast Limited", li bih il-konvenut proprio et nomine gie inibit milli jibda u/jew ikompli kwalsijasi tip ta' xogholijiet, strutturali jew ta' kwalsijasi natura ohra, fis-sit li Triq it-Torri Gauci, Naxxar, dokument "X1".

Illi b'rikors tat-13 ta' Marzu 1998 l-imsemmi Joseph E. Gauci u ohrajin, wara li ppremettew li l-intimati, konvenuti odjerni, issoktaw bix-xogholijiet ta' kostruzzjoni wara li kienet harget ordni ghall-ezekuzzjoni provvisorja tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi, liema ordni kienet giet notifikata lihom fil-11 ta' Marzu 1998, talbu li din il-Qorti, fost affarijiet ohra, tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 1003A u 873(4) tal-Kap 12, dokument "X2".

Illi b'digriet tat-18 ta' Awwissu 1998 din il-Qorti laqghet it-talba ghall-proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha u ghalhekk ai *termini* tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 ordnat lill-attrici odjerna li taghmel dawk l-atti kollha mehtiega sabiex l-intimati jitressqu li procedimenti ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, dokument "X3".

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) issibhom hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12); u

(2) tikkundannahom ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngiunti ghas-subizzioni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuza bill-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat id-dokumenti pprezentati ma' l-istess citazzjoni attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi preliminarjament id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta tat-18 t'Awissu 1998 u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi fis-seduta tal-25 ta' Marzu 1998 meta beda jinstema' r-rikors promotur l-esponenti qatt ma ddikjaraw li kienu lestew mill-provi taghhom u lanqas il-Qorti ma kienet halliet ir-rikors ghad-digriet tant li

mill-verbali jirrizulta biss li r-rikors tal-Mandat ta' Inibizzjoni gie differit fis-6 ta' Mejju 1998, ghall-1 ta' Gunju 1998 u ghat-23 ta' Ottubru 1998.

2. Illi huma lanqas thallew jitrattaw u saru jafu biss b'dan id-digriet meta rcevew l-atti ta' din il-kawza.

Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti meta rcieva l-att tal-qorti lanqas biss setgha jaqra l-kaligrafija u kien biss wara li rnexxielu jsib lill-avukat tieghu li spjegalu x'kien jghid l-att tal-qorti u waqaf immedjatament mix-xogholijiet.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 16 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Jannar 1999 fejn gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr Paul Farrugia sabiex jisma' l-provi kollha dwar il-kaz; tal-5 ta' Mejju 1999; tat-28 ta' Ottubru 1999 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju; tal-24 ta' Novembru 1999; tat-13 ta' Jannar 2000 fejn xehdu Dr Joseph Chetcuti u Silvio Camilleri. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 808/98 fl-ismijiet "Joseph E Guaci et vs Silvio Camilleri pro et noe"; tat-29 ta' Marzu 2000; tat-3 ta' April 2000 fejn xehdet Josette Galea; tat-13 ta' Gunju 2000 fejn xehdu Godwin Grech, Joseph Gauci u Carmel Galea. Dr Victor Zammit iddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-18 ta'

Ottubru fejn Dr Sciberras ghall-konvenut iddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Jannar, 2001.

Rat is-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-kawza odjerna titratta dwar azzjoni ghad-disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti allegatament kommess mill-konvenuti.

Illi dan qed jinghad peress li l-attur qed jallega li wara l-hrug provisorju ta' mandat ta' inibizzjoni numru 808/98 tal-11 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet "Joseph E Gauci et vs Silvio Camilleri pro et noe et" li bih il-konvenut proprio et nomine gie inibit milli jibda u/jew ikompli kwalsiasi tip ta' xogholijiet, strutturali jew ta' kwalsiasi natura ohra fis-sit fi Triq it-Torri Gauci, Naxxar, l-istess Joseph E Gauci u ohrajn, konvenuti odjerni, komplew bix-xogholijiet nonostante li tali ordni kien gie notifikat lilhom fil-11 ta' Marzu 1998.

Illi fix-xhieda tieghu **l-Avukat Dr Joseph Chetcuti** qal li Silvio Camilleri kien cempillu d-dar fil-11 ta' Marzu 1998 u ma kienx sabu. Pero` aktar tard kien rega' cempillu fejn

qallu li rcieva xi karti mill-Qorti u kellhom jiltaqghu l-ghada filghodu, probabilment kif qal ix-xhud *late in the morning*. Illi hu kkonferma illi dak li ra kien mandat ta' inibizzjoni u kien qal lil Camilleri biex jieqaf. Illi x-xhud ikkonferma li dak il-hin Camilleri cempel lil xi hadd quddiemu fejn ordna sabiex ix-xogholijiet jieqfu. Imbaghad kien irrisponda ghal tali mandat.

Illi l-konvenut **Silvio Camilleri** xehed li hu kellu l-permess tal-Planning Authority. Illi hu qal li rcieva biss ir-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni, prova jaqrah pero` ma rnexxielhux.

Illi hu pprova wkoll isib lill-avukat tieghu, ma sabux u tah il-karti l-ghada f'xi s-siegha ta' wara nofsinhar. Illi l-avukat qallu biex jieqaf u hu cempel lill-bennej biex jieqaf. Illi pero` filghodu kienu saru xi xogholijiet. Qal ukoll li filghaxija meta waqqafhom hu mar fuq il-post u ma sabhomx. Illi l-ghada filghodu mar u ma sabhomx hemm u tahom xoghol band'ohra.

Illi in kontro-ezami hu qal li fil-perjodu li hareg il-mandat ta' inibizzjoni kien hemm appell pendenti minn terzi quddiem il-Planning Authority.

Illi xehdet ukoll **Josette Galea**, rapprezentanta tal-Planning Appeals Board li xehdet fuq appell li jirrigwarda l-permess fuq is-sit Triq it-Torri Gauci, Naxxar. Illi l-applikant kien Silvio Camilleri ghan-nom tas-socjeta` Cammast Ltd. Illi

meta jidhol appell, il-permess tal-Planning Authority jibqa' validu sakemm ma jitwaqqafx mill-Qorti.

Illi fix-xhieda tieghu **Godwin Grech** esebixxa ritratti (Dok GC1 u Dok GC2) li ttiehdu minn fuq il-propjeta` tieghu.  Id-data ta' meta ttiehdu kienet fit-12 ta' Marzu fejn jidher li l-bini baqa' ghaddej minkejja li kien hemm il-mandat tal-Qorti.  Illi hu xehed li hadhom bejn wiehed u iehor xi nofs in-nhar.

Illi xehed ukoll **Joseph Gauci** li qal li l-mandat gie notifikat lil Silvio Camilleri fil-11 ta' Marzu 1998.  Illi inoltre` qal li x-xoghol tkompla kemm fil-11 ta' Marzu 1998 kif ukoll fit-12 ta' Marzu.  Illi fit-13 ta' Marzu 1998 ix-xoghol ma tkompliex.

Illi xehed ukoll il-bennej **Carmel Galea** li kkonferma li kien qed jahdem fuq is-sit in kwistjoni u qal li kien ghal habta ta' xi s-siegha u cempillu Silvio u qallu biex jieqaf u hu waqaf mill-ewwel  u ma regax hadem aktar hemm.  Illi in kontro-ezami hu xehed li bejn wiehed u iehor kien ilu xi tlett ijiem/gimgha jahdem hemm.  Illi sallum qatt ma kompla izjed jahdem fuq ix-xoghol in kwistjoni.

Illi preliminarjament il-konvenuti eccepew:

*"Illi preliminarjament id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta tat-18 t'Awissu 1998 u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

3. *Illi fis-seduta tal-25 ta' Marzu 1998 meta beda jinstema' r-rikors promotur l-esponenti qatt ma ddikjaraw li kienu lestew mill-provi taghhom u lanqas il-Qorti ma kienet halliet ir-rikors ghad-digriet tant li mill-verbali jirrizulta biss li r-rikors tal-Mandat ta' Inibizzjoni gie differit fis-6 ta' Mejju 1998, ghall-1 ta' Gunju 1998 u ghat-23 ta' Ottubru 1998.*

4. *Illi huma lanqas thallew jitrattaw u saru jafu biss b'dan id-digriet meta rcevew l-atti ta' din il-kawza".*

Illi jrid jigi rilevat li tali lment ma kellux jitqajjem fil-proceduri odjerni. Il-konvenuti kellhom mezzi ohra provduti mill-ligi sabiex dak li qed jallegaw kienx fondat jew le. Kwindi tali eccezzjoni qeghda tigi michuda ghar-ragunijiet imsemmija.

Illi waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza tqajjem il-punt illi s-socjeta` konvenuta peress illi hija socjeta` ma tistax tinstab hatja ta' disprezz lejn l-awtorita` ta' din il-Qorti. L-argument kien ibbazat b'analogija fuq sentenza li kienet inghatat mill-Onorevoli ex-Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici fejn il-Qorti pronunzjat ruhha fis-sens li s-socjeta` kummercjali mhix responsabbli ghal delitti. Din kienet is-sentenza fl-ismijiet "**Dr Victor Ragonesi noe vs Raymond Mallia**" (Kumm GMB – 30 ta' Mejju 1989). Illi tali sentenza giet ikkowtata wkoll b'approvazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet "**Benjamin Muscat vs Michael Attard noe**" (Kumm G Muscat Azzopardi – 26 ta' Mejju, 1994).

Illi pero` tali principju gie sussegwentement sorpassat mill-gurisprudenza. In effetti, fis-sentenza "**David Jones et noe vs Giuseppe Mifsud Bonnici noe"** – (Kumm JDC 29 ta' Ottubru, 1993) il-Qorti kienet ezaminat it-tlett teoriji in materja fir-Renju Unit, cioe` (1) socjeta` kummercjali ma tistax tinsab responsabbli ta' delitt minhabba r-regola ta' *ultra vires*, (2) li d-dottrina ta' *ultra vires* tapplika biss fil-kuntratti u ghalhekk socjeta` tista' tikkommetti delitt daqs kwalunkwe persuna ohra u (3) li s-socjeta` tista' tinsab responsabbli ghal delitt izda biss jekk dan jigi kommess waqt li s-socjeta` tkun qed tagixxi *intra vires*. Il-Qorti addottat it-tielet teorija.

Illi imbaghad kien hemm ukoll zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell fejn kien hemm certu bidla. Dawn kienu "**Albert Mizzi noe vs George Schembri**" – 04 ta' Frar, 1992 u "**Reno u Joan Pace vs Alexander Attard et**" - 14/07/1995. Illi f'din l-ahhar sentenza inghad illi:

"*Huwa minnu li entitajiet legali ma jistghux min-natura taghhom infushom jkunu responsabbli ghal delitti jew kwazi delitti, u ghalhekk il-kundanna kontra taghhom trid issir tramite l-persuna li ghandu r-responsabilita` biex jagixxi ghan-nom taghhom. Dan huwa ntiz pero` proprju biex tigi evitata eccezzjoni f'dan is-sens u dana a skapitu ta' l-individwu li jkun soffra d-danni naxxenti minn dak id-delitt jew kwazi delitt ta' responsabilita` meta wiehed jasal ghall-kundanna, trid issir distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn il-kundanna trid ta' bilfors tkun personali bhal ma hija fil-kamp*

*penali u dawk il-kazijiet fejn il-kundanna hija civili u fejn l-effetti taghha mhumiex distinti bl-ebda mod mill-effetti naxxenti mill-kawzi l-ohra li permezz taghhom jigu krejati l-obbligi civili (cioe` l-kuntratti u l-kwazi kuntratti). Meta ghalhekk dan l-effett huwa identiku u jikkonverti ruhu fi hlas ta' somma ghad-danni, m'ghandux ikun hemm ebda distinzjoni bejn kundanna ghall-hlas ta' danni rizultanti minn kawza ta' obbligu kuntrattwali u dak rizultanti minn responsabilita` delittwali".*

F'dan il-kaz instabet responsabbli s-socjeta` konvenuta u mhux il-konvenut li kien direttur taghha, ghad-danni kawzati minn tigrif waqt li kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni.

Illi fis-sentenza aktar ricenti "**Victor Galea vs Marin Hili noe**" – (P.A. J.S.P. – 1 ta' Ottubru, 1996), il-Qorti ezaminat is-sentenzi fuq kwotati u ohrajn. Illi l-Qorti kkwotat l-**Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili** u l-**Artikolu 4 (d) ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249)** u waslet ghall-konkluzjoni li "persuna" ghall-finijiet tar-responsabilita` delittwali tinkludi wkoll socjeta` kummercjali.

Illi ghalhekk il-principju hu ben stabilit li socjeta` kummercjali tista' tinstab responsabbli ghal delitt jew kwazi delitt. Dak li ghadu pjuttost diskutibbli fil-gurisprudenza huwa jekk l-att li ta' lok ghad-danni ghandux ikun *ultra vires* jew *intra vires*. Illi pero` fil-kaz prezenti m'hemm l-ebda dubju illi l-att li allegatament ikkaguna d-disprezz lejn l-awtorita` ta' din il-Qorti u cioe` il-kontinwazzjoni ta'

kostruzzjoni tal-bini hu *intra vires* l-ghanijiet tas-socjeta` konvenuta.

Illi mill-provi kollha prodotti rrizulta li l-konvenuti gew notifikati bil-mandat ta' inibizzjoni fil-11 ta' Marzu 1998. Illi mhux kontradett ukoll li dak in-nhar u fil-ghodu tat-12 ta' Marzu 1998 ix-xogholijiet komplew. Illi kwindi rrizulta li nonostante l-ordni tal-Qorti dan gie njorat. Illi dawn ir-regolamenti ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni u sabiex jigi muri b'mod effettiv li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi, u mill-provi prodotti rrizulta b'mod car li l-konvenuti kienu fil-fatt hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Illi pero` huwa veru wkoll li l-konvenut Silvio Camilleri pprova jkellem lill-avukat tieghu filghaxijia, ma sabux u kif appena l-ghada dan qallu biex jieqaf huwa waqaf. Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kollha tal-kaz filwaqt li thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront taghhom, din il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm mitigazzjoni tal-piena li ghandha tigi mposta fuq l-istess konvenuti, u it-tieni eccezzjoni, bhal l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:

(1) Issib lill-konvenuti hatja ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

(2) Tikkundanna lill-konvenuti Silvio Camilleri fil-kwalita` tieghu premessa u lis-socjeta` Cammast Limited ihallsu multa ta' mitt lira Maltija (Lm100) *in solidum* bejniethom u dan bhala piena preskritta mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi, liema ammont ghandu jithallas mill-konvenuti fi zmien gimghatejn mill-lum fir-Registru ta' din il-Qorti.

Illi l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi lid-Direttur Generali tal-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta' Jannar 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**17 ta' Jannar 2001.**